MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1686/2004

**V. Demajo & Bros**

**vs**

**Joseph Fabri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Settembru, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lid-ditta attrici s-somma ta' elf mitejn u wiehed u tmenin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm1281.84) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' magna *Minimax Super Router*, bl-accessorji lilu mibjugha u konsenjata mid-ditta attrici u liema ammont jinkludi l-imghax kummercjali kalkolat sal-1 ta' Mejju 2004.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra interpellatorja datata 19 ta' Mejju 2004 u bl-imghax kummercjali ulterjuri mit-2 ta'

Mejju 2004 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-notaipprezentata mill-konvenut tat-12 ta’ Novembru 2004, li permezz taghha huwa ammetta t-talba attrici.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u dana wara li ra n-nota ta’ ammissjoni maghmula mill-konvenuta fit-12 ta’ Novembru 2004, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lid-ditta attrici s-somma ta’ elf mitejn u wiehed u tmenin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm1281.84), bl-imghaxijiet legali mit-2 ta’ Mejju 2004.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------